# SSAR

## Social Studies Assessment Reorganization

Tony Pace
Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja



# Xi Vantaġġi tal-SSAR

Mill-esperjenza nista' ngħid li l-għalliema tal-Ħames Sena, kollha, b'xi mod jew ieħor, jirnexxilhom imorru xi żjara edukattiva lejn l-Imdina, il-Birgu u/jew iċ-Ċittadella. Fil-fatt żjarat lejn dawn it-tlett ibliet jiffurmaw parti mis-sillabu uffiċjali tal-Ħames Sena. M'hemmx dubju li l-istudenti jitgħallmu ħafna minn żjarat bħal dawn, u għalhekk ta' min jinkoraġġixxi prattiċi bħal dawn.

Proprju wieħed mill-vantaġġi l-kbar tal-SSAR huwa li issa, żjarat edukattivi jew aħjar *fieldwork*, qed jingħataw iktar valur. Fil-fatt, mis-sena skolastika 2013-2014 il-*fieldwork* se jibda jiġi assessjat minn 20 marka u se jifforma parti mill-assessjar ta' Nofs is-Sena.

Biex dawn iż-żjarat isiru dejjem iżjed effettivi, id-Dipartiment tal-Kurrikulu ħa ħsieb jistampa sett *worksheets*/noti għal kull student tal-Ħames Sena. Dawn il-*worksheets* huma maħsuba biex jinħadmu fuq il-post.

**Insemmu żewġ vantaġġi oħra tal-SSAR:**

1. L-ISTUDENT SE JKUN IKTAR IĊ-ĊENTRU TAT-TAGĦLIM: il-fatt li l-istudenti se jibdew ikunu mħajra jagħmlu r-riċerka, liema riċerka mbagħad tista' tintuża mill-għalliema waqt il-lezzjonijiet, għandu jgħin biex il-lezzjonijiet tal-Istudji Soċjali jsiru dejjem iżjed *student-centred.* B'hekk żgur ikunu dejjem iżjed interessanti.
2. IL-KONTENUT SE JONQOS. Minn 40 Mira ta' Tagħlim, se jiġu mgħallma 13 u 20, jiġifieri 33. Sebgħa (7) miri jistgħu jitħallew barra. B'din il-miżura, fit-tagħlim tal-Istudji Soċjali, issa hemm il-ħin għal iżjed diskussjonijiet, iktar wiri ta' vidjows, żjarat edukattivi. It-tagħlim se jsir iżjed bil-kalma u jista' jinżel iktar fil-fond.



**1. Nofs is-Sena – Frar 2014:**

- L-eżami jkun ibbażat fuq 13-il mira ta' tagħlim li jiffurmaw l-*ELECTIVE CONTENT*
- Il-kitba tkun minn 80 marka
- Jinħadem *fieldwork* l-Imdina, il-Birgu jew iċ-Ċittadella u jiġi assessjat minn 20 marka

**2. Annwal – Ġunju 2014:**

- L-eżami jkun ibbażat fuq 20 Mira ta' tagħlim li jiffurmaw il-*Core Content*
- Il-kitba tkun minn 80 marka
- Jinħadem PROĠETT minn kull student li jkun assessjat minn 20 marka.

**Għal iktar tagħrif dwar l-SSAR idħol fil-blog:
http://primarysocialstudies.skola.edu.mt**